MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Numru. 44/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Paul Magro ta’ 35 sena, bin Paul u Emanuela nee’ Scerri, mwieled il-Pieta’ nhar is-7 ta’ Ottubru 1973, residenti 50A, Triq Zarenu Dalli, Birzebbugia detentur tal-karta tal-identita’ numru 492273(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Paul Magro akkuzat talli nhar is-16 ta’ Lulju 2008 gewwa l-Grand Hotel, Triq Sant’Antnin Ghajnsielem, Ghawdex minn gewwa l-games room ghal habta tas-sitta u nofs (18:30hrs) ta’ fil-ghaxija

1. Seraq €130 ghad-detriment tal-Grand Hotel (Ghajnsielem) liema serq huwa aggravat bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa.
2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).
3. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
4. U aktar talli ikkometta reat fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu nhar id-29 ta’ Gunju 2008 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Lulju 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-imputat ikkontesta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u sahansitra fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa ghazel li ma jwegibx ghall-ebda domanda lilu maghmula[1], madanakollu fl-ahhar ta’ dina l-kawza, meta huwa xehed quddiem dina l-Qorti, ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ddikjara li ddispjacieh ghal dak illi ghamel.[2]

[1] Dokument PM1 a fol.7
[2] Ara xhieda ta’l-imputat a fol.58 u 59.

Illi anke li kieku l-imputat ma ammettiex il-htija tieghu lejn l-ahhar ta’ dana l-iter processwali, xorta wahda l-provi mismugha minn dina l-Qorti kollha jwasslu ghal konkluzjoni wahda u cioe’ illi ma kien hadd hlief l-imputat illi sgassa l-mejda tal-billiard fil-games room tal-lukanda Grand gewwa Ghajnsielem u seraq il-flus mill-istess mejda tal-billiard. Dana qed jinghad mhux biss ghaliex il-barman tal-lukanda certu Paul Galea gharaf lill-imputat bhala l-persuna li f’dik il-gurnata huwa rah diehel iktar minn darba fl-imsemmija games room, izda wkoll fid-dawl tal-fatt illi l-pulizija sabu l-flus mehuda mill-istess mejda fil-pussess tal-imputat u cioe’ is-somma ta’ €130 f’denominazzjoni ta’ euro l-wahda flimkien mat-turnavit illi l-imputat uza sabiex sgassa l-kaxxa tal-flus. Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tas-serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa. Illi ghalkemm l-aggravju tal-mezz huwa indubbjament ippruvat u dana minhabba li sehh sgass, madanakollu, il-Qorti tqis illi ma saritx prova dwar l-aggravju l-iehor u dana peress illi l-fattispecje ta’ dana l-kaz ma jinkwadrawx ruhhom f’dak dispost fl-artikolu 271 tal-Kapitolu 9.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-parti leza irkuprat il-flus li gew misruqa, izda jirrizulta illi hallset l-ammont ta’ €117.50 bhala hsara fil-mejda tal-billiards u ghalhekk l-ewwel u t-tieni akkuzi jirrizultaw ampjament ippruvati.

Illi madanakollu ghar-rigward tat-tielet u r-raba akkuza l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi dwar l-istess kif ukoll naqqset milli tesebixxi kopja tas-sentenza indikata minnha fir-raba akkuza u kwindi l-Qorti minhabba f’dana n-nuqqas processwali ma tistax tghaddi sabiex issib htija ghal dawn l-akkuzi kif ukoll illi taghmel dak miltub minnha fir-raba akkuza u cioe’ li titratta mal-hati ghar-reati li gie kkundannat dwarhom fis-sentenza tad-29 ta’ Gunju 2008.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputat, u l-fatt illi huwa ikkommetta dana r-reat sahansitra ftit jiem wara li kien gie kkundannat b’sentenza ta’ dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fejn huwa kien diga nghata opportunita sabiex jirriforma ruhu. L-imputat jidher,

madanakollu illi injora kompletament dana l-fatt ghaliex ftit wara rega' waqa' fil-"vizzju" li ghandu tas-serq! Il-Qorti ghal dawn il-motivi ser tghaddi sabiex tinfliggi l-minimu tal-piena prevista ghar-reati addebitati lill-istess imputat, madanakollu l-piena karcerarja ser tkun wahda effettiva bit-tama illi fil-perijodu taz-zmien illi l-imputat jinzamm inkarcerat huwa jsegwi program ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tieghu tad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), 263(a), 278(1), 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet u r-raba akkuzi migjuba fil-konfont tieghu, issibu hati tal-ewwel akkuza u cioe' l-akkuza dwar is-serq aggravat biss bil-mezz, kif ukoll tat-tieni akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------